# 71. Kieku...

Kieku l-kwiekeb b'żewġt iġwienaħ,
qishom l-anġli fil-pittura,
ifettlilhom jinżlu 'l isfel
biex jimirħu ġewwa l-ħmura, –

Kieku l-ward u l-weraq kollu
biex jixorbu l-ilma bnin
ifettlilhom li jitilgħu
ħdej' l-għejun tas-sħab safjin, –

Kieku l-ħut minn qiegħ il-baħar
jixtieq jara wiċċ ma' wiċċ
nar ix-xemx, u lejn is-sema
ifettillu jfur u jżiġġ...

Kieku l-qtajja' tal-għasafar
illi jaslu fir-rebbiegħa
mnejn igħaddu biex jistrieħu,
biex jixorbu min-nixxiegħa?!...

U għal xejn ta' xejn jinħela
ħdejn il-mansab it-tisfir,
il-barżakka tibqa' vojta,
l-ixkubetta mingħajr tir!